MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 777/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited**

**Vs**

**Emanuel Azzopardi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm400.47c (erba' mitt lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu) rapprezentanti l-hlasijiet effettwati mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-*Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni* (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet *Charlot Spiteri Vs Emanuel Azzopardi* (Avv. Nru. 90/2003 – deciza 17 ta' Gunju 2003), li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh fit-18 t'Awwissu 2002, gewwa Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa bejn il-vettura misjuqa mill-

konvenut, bin-numru ta’ registrazzjoni CAC 105 u l-vettura proprjeta’ ta’ Charlot Spiteri bin-numru ta’ registrazzjoni EAX 691, u dan wara illi l-konvenut naqas milli jinforma lis-socjeta’ attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhalma kien obbligat illi jaghmel ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva, liema nuqqas jintitola lis-socjeta’ attrici sabiex tirkupra l-ammonti kollha minnha mhallsa ai termini tal-polza relattiva.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm400.47c (erba’ mitt lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------